9 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 50**

**It-Ħamis, 5 ta' Mejju2022**

Il-Laqgħa numru 50 saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill fil-5 ta' Mejju 2022 fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Darren Carabott | Kunsillier |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |
| Gianluca Falzon | Viċi Sindku |
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |

**ASSENTI:**

Hadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti**

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

**50.1 Qari tal-ittri t'apoloġiji**

Is-Sindku nforma lill-membri li kien hemm ittri t'apoloġija tas-Sur Kursten Dimech kien indispost.

**50.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.**

**50.2.1 Approvazzjoni tal-Minuti**

Minuti tas-47, tat-48 u tad-49 laqgħa ġew approvati unanimament wara li saru l-korrezzjonijiet.

**50.2.2 Korrezzjonijiet**

**50.1.2.1** -tibidel id-data “14 ta’ Marzu 2022” issir “21 ta’ Marzu 2022”.
**50.1.2.2** –**Minuta 48.2 –** il-kelma “undaudited” issie “unaudited”
**50.2.2.3** – **Minuta49.5.2** – minflokk “2030” issir “2020”
**50.2.2.4** - **Minuta 49.5.5** – il-kelma “akkumla” issir “akkumula”.
50.2.2.5 – **Minuta 49.5.5** – il-kelma “sbaiex” issir “sabiex”.

**50.3 Punti mqajjma mill-minuti**

**Ma kienx hemm punti mqajma fuq il-Minuti tas-47 u tat-48 Laqħa.**

**50.3.1** Minuta 49.3.1 – Is-Sindku informa lill-membri li rigward il-lezzjonijiet taz-Zumba dawn twaqqfu milli jsiru l-Kazin tal-banda. Għaldaqstant dawn il-lezzjonijiet galadarba it-temp qed jippermetti qed isiru fi ġnien Romeo Romano.

**50.3.2** Minuta 49.3.2 - Is-Sindku nforma lill-membri li skont id-Dipartiment tal-Gvern Lokali l-applikazzjoni li l-Kunsill irċieva għall-post ta’ Segretarju Eżekuttiv hija eliġibbli u għaldaqstant ttalab lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex jagħti feedback fuq l-applikazzjonijiista’ ssir l-intervista. War diskussjoni l-membri qablu sabiex l-applikant waqt l-intervista jippreżenta wkoll rakommandazzjoni sabiex ikun verifikat li l-persuna għandha rwol maniġerjali. Is-Sindku ħatar il-bord tal-għazla Chairperson is-Sindku, Membri – Gianluca Falzon, Courtney Farrugia u Christopher Falzon. Il-membri qablu mal-proposta tas-Sindku. L-interview huw previst li jsir fl-24 ta’ Mejju 2022.

**50.3.3** Minuta 49.3.3 – Rigward il-ġnien ta’ Guze Flores, is-sindku ikkomunika mal-Membri li ser jiskattaw it-tiswijiet li hemm bzonn. Apparti minhekk qal ukoll li twaħlet CCTV gdida mingħand Global Tech.

Is-Sindku nforma wkoll lill-membri li l-proċess ta’ CCTV ta’ Triq Din Xand Cortis ġiet trasferita lill-Lesa pero dawn ma jistghux joperaw qabel ma jitwaħħlu t-tabelli. Is-sindku qal li dwar CCTV l-ohra iridu jiqalgħu CCTV u jitwaħħlu fuq arbli u għaldastant qed jistenna mingħand MicaMed.

Is-Sindku qal li wara li saret il-laqgħa tal-komunita’ is-Sinjura Boanco infurmatu li tixtieq volontarjament tagħmel xogħol ta’ sorveljanza sabiex teduka n-nies f’isem il-Kunsill meta jmorru jarmu l-iskart fil-brin-in-siteta’ fejn tabita hi. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel sabiex jittiehħed parir mingħand l-Avukat tal-Kunsill.

**50.3.4** Minuta 49.5.5 - Is-Sindku informa lill-membri li li l-iskrittura mill-avukat tal-Kunsill sabiex il-Klabb tal-Boċċi jkun jista’ japplika għall-fondi sabiex issir canope. Is-Sindku qal ukoll li l-Perit qiegħed jaħdem fuq il-boq sabiex jiskatta il-process tal-binja tal-Kunsill biswit l-art li hemm hdejn il-bini tal-Kunsill attwali fejn jinbena basement u l-ewwel sular.

**50.3.5** Minuta 49.5.6 – Is-Sindku nforma lill-membri li dwar l-attivita tal-Boxing fi Triq il-Kbira San Ġusepp għadhom għaddejjin diskussjonijiet.

**50.3.6** Minuta 49.5.8 – Is-Sindku nforma lill-membri li l-attivita' tal-Għid "*Egg Hunt"* saret u kienet waħda ta' success.

**50.3.7** Minuta 49.6.2 IsSindku qal li l-attivita marbuta mal-Karnival ser issir fuq gurnata waħda sabiex jonqsu l-ispejjez. L-attivita' ser issir fis-19 ta' Mejju 2022 u wara l-partecipanti ser jibqghu sejrin minn Santa Venera għall-Belt Valletta. Wara diskussjoni l-membri qablu sabiex jitqasmu 500 poster A5 lill-istudenti tal-iskola primarja, isiru posters A3 u ssir pubblicita fuq *FB page* tal-Kunsill.

**50.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**50.4.1** Is-sindku nofrma lill-membri li l-Kunsill irċieva l-ittra tar-reżenja tas-Sa Leanne Deguara u għaldaqstant il-Kunsill beda l-proċeduri sabiex tinħareġ sejħa għall-Assistent Principal Skala 11.

**50.4.2** Is-Sindku nforma lill-membri li hekk kief kien pjanat il-laqgħa tal-Komunita saret.

**50.5 Rapporti / Korrispondenza**

50.5.1 Is-Sindku informa li a-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali, permezz tal-President, hija rapprezentata fuq il-Bord tal-ECAD (European Cities Against Drugs).Din l-Organizazzjoni, hija wahda volontarja li ghal dawn l-ahhar 28 sena hadmet bla heda sabiex tara' li jkun hemm mizuri restrittivi kemm jista' jkun ghal uzu ta' sustanzi illeciti, partikolament f' etajiet zghar. Dan isir b' diversi modi fosthom; materjal ippublikat, laqghat ta' nformazzjoni f' Pajjizi diversi, skambju ta' ideat, laqghat bilaterali, 'webinars' u konferenzi.

Il-hlas tal-menswalita' ghas-sena li qeghdin fiha huwa ta' €250 kull lokalita fis-sena. Dan huwa prezz specjali ghal lokalitajiet li ghandhom inqas minn 25,000 resident. Dawk li huma aktar minn hekk, il-hlas huwa ta' €1,000 fis-sena. Dan sar propju sabiex jigu agevolati bliet zghar bhal taghna, filwaqt li l-ikbar piz ta' shubija jingarr minn Bliet Ewropej kbar.

Il-Membri ma qablux unanimament

**50.5.2** Is-sindku nforma lill-membri li l-Kunsillġab il-kwotazzjonijiet sabiex tabell tal-isem tat-toroq jibdew isiru taċ-ċeramika. Alka Ceramics ikkwotaw €53.10 Vat inkluza, Potterware €82.60 Vat inkluza u Pavasca Ltd infurmawna li m'ghadhomx jagħmlu dan it-tip ta' xogħol.

Wara diskussjoni il-membri qablu mal-kwotazzjoni tal-Alka Ceramincs u talbu sabiex tinġieb sample halli tkun deċiża fil-laqgħa li jmiss.

**50.5.3** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikat sabiex ikomplu jsiru korsijiet tal-Life long learning. Is-Sindku qal sabiex il-Kunsill jibqa' joffri il-kors tal-lingwa Ingliza kif kien qed isir fejn il-ġurnata tkun is-Sibt.

Il-Membri qablu unanimament

**50.5.4.** Is-Sindku nofrma lill-membri li hemm bzonn li xi dawl taħt l-akkwadott ikunu irrangati sabiex dawn ikunu imdawla. Il-Membri qablu unanimament.

Huwa ssuġerixxa wkoll sabiex issiru bollards tal-plastic sabiex il-karozzi li jipparkjaw ihallu aċċess għall-pubbliku specjalment ghal min ikun iridu juza siggu tar-roti.

Il-membri ma qablux għal fatt li dawn diga kien hemm bhalhom u xorta wahda baqgħu jipparkjaw hazin ghaliex dawn il-bollards tal-plastic jitawġu.

**50.5.5**. Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva stedina biex il-Kunsill joffri kors bxejn għall-ġid tal-kommunità. Permess ta' ftehim bejn il-Ministeru għall-Politika Soċjali u Drittijiet tat-Tfal, il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, L-Arti u Gvern Lokali, u l-għaqda tagħna Home Economists in Action, dan l-aħħar 6 snin kienu qed joffru kors jismu Għaqal id-Dar, Ħajja Aħjar fil-lokalitajiet kollha ta' Malta u Għawdex.

Il-kors jiffoka fuq tagħrif u ħiliet biex wieħed jgħix ħajja iktar sana u sostennibli. I-kors huwa ta' 12-il sessjoni, u ġeneralment isir darba fil-ġimgħa; sessjoni ta' sagħtejn kull darba. Il-programm huwa varjat immense. Il-perjodu jkun bejn nofs Mejju u nofs Lulju 2022. Il-Kunsill irid jipprovdi il-post fejn isir il-kors, fil-pubbliċità tal-kors, u anke xi xogħol amministrattiv meta jibdew deħlin l-Applikazzjonijiet.

Il-membri qablu unanimament

**50.5.6** Is-Sindku nfroma lill-membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza sabiex bhal ta' kull sena il-Kunsill il-bini amministrattiv jixtgħel blu jew vjola fl-attivita' *Light up the Night 2022* li ser tkun bejn -il 11 u t-12 ta' Mejju li taħbat l-*International day of Awareness for three disabling illnesses, Myalgic Encephalomyelitis/Chronic Fatigue Syndrome (ME/CFS) and Fibromyalgia (FM*). Apparti minhekk dahlet talba saboex fil-Jum dinji tad-Demm li jaħbat fl-14 ta' Gunju il-bini amministrattiv jinxtgħel Aħmar.

Il-membri qablu unanimament

**50.5.7** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva talba mingħand is-Sur Gordon Pisani sabiex jintuża ġnien Romeo Romano biex isir festin tal-ewwel tqarbina nhar is-Sibt 4 ta' Gunju 2022.

Il-Membri qablu unanimament

**50.5.8.** Is-Sindku informa lill-membri li d-Dipartiment tal-Kunsilli informal ill-Kunsill sabiex tkun estiża il-ħatra tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

Il-membri qablu unanimament.

**50.5.9** Is-Sindku nofrma lill-membri li l-Kumitat ta' Santa Venera Lightning FC jixtieq li l-Kunsill jghinhom finanzjarjament sabiex ikun ippubblikat il-ktieb tal-istatut.

Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament li skont il-liġi l-Kunsill ma jistax jiffinanzja materjal jew oġġetti lil terzi u għaldaqstant il-Kunaill mhux f'pożizzjoni li jgħin finanzjarjament.

**50.5.10** Is-sindku nofrma lill-membri li l-Kunsill waslet talba sabiex fi Triq L-Imsida issir loading/unloading bay. Is-Sindku qal li din mhix deċiżjoni tal-Kunsill iżda it-tali deċiżjoni trid tittieħed minn Transport Malta.

Il-membri qablu unanimament.

## 50.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 50.6.1 Festa 2022

Is-Sindku nforma lill-membria sabiex isiru mill-ġdid it-tapieri tan-nar tal-art fi Tirq il-Kbira San Guzepp liema tappieri isiru minn Umberta Calosso lejn l-Arkata ta' Wignacourt. Wara diskussjoni l-membri qablu sabiex dawn it-tappieri isiru u l-kunsill igib il-kwotazzjonijiet meħtieġa.

Is-Sindku informa lill-membri li, għall-Festa ta' Santa Venera, bħal ma sar fi snin oħra, il-Kunsill ser jieħu ħsieb:

1. Jinġiebu gwardjani lokali sabiex ikun jista' jintrama' l-armar tal-Festa.

2. Jinġiebu gwardjani fil-ġranet tal-Festa sabiex Triq il-Kbira San Ġużepp tkun tista' tingħalaq għat-traffiku u t-traffiku jiġi mgħoddi minn toroq alternattivi.

3. Jinġieb meter tad-dawl (3 phase) sabiex ikun jista' jintuża għall-Lejla Palmista kif ukoll għall-Lejla Vendriża.

4. Jinġiebu mobile toilets u barriers għall-ġranet tal-festa (jinkludi wkoll ghall-Lejla Plamista u l-Lejla Vendriza)

4. Tinġieb Fire Engine għal aktar sigurta.

6. Jinxtraw 3 bukketti tal-fjuri, wieħed għall-festa ta' Fleur-de-Lys, u tnejn oħra għall-granet tal-Festa ta' Santa Venera, wieħed fil-Knisja l-Qadima u l-ieħor fil-Knisja l-Ġdida.

**50.7 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti**

**50.7.1** L-Iskeda tal-pagamenti u Petty Cash ġew diskussa u approvati.

Skeda ta' pagamenti u Petty cash: Proponent: Is-Sur Silvio Vella u Sekondant: Is-Sur Gianluca Falzon

**50.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati**

F'din il-laqgħa ma ġewx preżentati rapporti tal-laqgħat ta' kumitati jew sotto kumitati.

**50.9 Kommunikazzjoni mill-Kunsilliera**

Mistoqsijiet mis-Sur Joe Vella

50.9.1 Jista' s-Sindku jinforma rigward ix-xogħol ta' restawr li beda xi ġimgħat ilu fuq it-Turretta ta' l-Akwadott, meta x-xogħol huwa ppjanat li jkun lest u jekk il-Kunsill hux se jkollu d-devulozzjoni tat-Turretta.

Is-sindku qall li din l-informazzjoni trid terġa tinġabar in vista li kien hemm bidla fil-Ministeru konċernat. Għat-tieni parti tal-mistoqsija, devoluzzjoni tingħata biss jekk l-istess Kunsill Lokali joħroġ b'xi proposa għal użu tagħha apparti li jrid jippreżenta ukoll estimi finanzjari ta' kif ser jibqa jieħu ħsiebha.

50.9.2 Jista' s-Sindku jinforma jekk waslitx il-petizzjoni tar-residenti favur it-Traffic Direction ta' Triq il-Parrocca, u jekk kienx hemm xi deċiżjoni minn Transport Malta wara li għadda żmien twil ta' prova.

Is-Sindku wieġeb li mill-petizzjoni, irriżulta li kien hemm mat-87 firma li jaqblu ma dak li ġie pproponut u għaldaqstant tissuppera il-petizzjoni oriġinali.

50.9.3 Jista' s-Sindku jinforma jekk kienx hemm xi progress rigward d-decizjoni li l-Kunsill ha li jkollna statwa ta' Santa Venera.

It-Tweġiba ġiet eżawrita propju matul l-istess laqgħa.

50.9.4 Jista' s-Sindku jinforma jekk bdewx d-diskussjonijiet mal-awtoritajiet koncernati sabiex ir-residenti ta' Misrah Santa Venera jkollhom access waqt id-dħul u l-ħruġ tal-istudenti mill-Iskola St Elias.

Is-Sindku ikkonferma li iva kienet intbgħatet korrispondenza lis-Supt. tal-għassa fuq l-imsemmi suġġett li iżda għadha ma ttieħditx deċiżjoni fuqha.

**50.10 Ilmenti**

**50.10.1** Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti segwenti:

| | |
|---|---|
| 270 | Issiru |
| 272 | Transport Malta |
| 274 | Ma tistax issir |
| 280 | Ma tistax issir |
| 293 | Issir meta jgħamlu t-triq |
| 294 | Dan irid isir max-xogħol tal-gvern |
| 297 | Tinħareġ work order |
| 299 | Ingibu l-isem tal-ħanut |
| 300 | Ninfurmaw lill-Kuntrattur biex it-tindif ikun frekwenti |
| 301 | Issir galadarba jinġiebu l-permessi |
| 304 | Contracts Manager |
| 306 | Ingibu l-kwotazzjonijiet |
| 308 | Nitolbu l-logbook tal-karozzza u jmur il-Contracts Manager |
| 312 | Enemalta |
| 314 | Work Order |
| 319 | Ma jista' jsir xejn |
| 328 | Transport Malta |
| | Talba biex issir Motor Cycle bay fi Triq Abela fejn jgħalaq – Ħaddiema Assenjati |
| 241 | Titħawwel siġra fis-soft area ta' fejn il-bring-in-site |
| 244 | Ma tistax issir |
| 247 | Isiru minhabba l-ingenji |
| 248 | Jipprovdu permess tal-ħanut |

## 50.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fl-7.55 pm u ġiet aġġornata għas-6 ta' Ġunju 2022, fil-5.30pm

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Deputat Segretarju Eżekuttiv